**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 1633/98 AJM

Kawza numru

Henry u martu Carmen Monebello

Vs

Robert u martu Pauline Bray

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-5 ta' Awissu 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi huma ghandhom jircevu minghand il-konvenuti s-somma ta' tlett elef sitt mija u erbgha u hamsin lira maltin u tmenin centezimu (LM3,654.80), kwantu ghal LM1,210 somma ta' flus mislufa 'brevi manu', kwantu ghal LM526.26 hwejjeg mibjugha u konsenjati lill-konvenuta u r-rimanenti imghaxijiet legali dovuti; illi l-konvenuti nomine gew interpellati biex jhallsu din is-somma izda baqghu inadempjenti; talbu li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' LM3,654.80 kif hawn fuq spjegat.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji tas-26 ta' Novembru 1995 u tat-28 ta' Marzu 1996 u tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar 1996 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru numru 2634/98 u dak prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fl-20 ta' April 1999 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghal dak li jirrigwarda definittivament lil Robert Bray peress illi hu qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' Henry u martu Carmen Montebello.
2. Illi meta sar is-self 'brevi manu' ma kien hemm l-ebda kunsens ta' l-istess Robert Bray u martu ma kienetx awtorizzata tiddejjen dak l-ammont li qed jigi allegat.
3. Illi dwar l-ammont tal-hwejjeg, l-ammont hu definittivament eccessiv.
4. Illi rigward l-ammonti, Pauline Bray tikkontesta illi hi rceviet dawk l-ammonti kollha.
5. Illi anke kif jirrizulta mill-istess citazzjoni, it-talba hija aktar mid-doppju mis-somma mitluba u dan minhabba imghaxijiet illi ma jirrizultax kif inhadmu u li qatt ma jistghu jeccedu d-doppju tal-kapital.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-20 ta' Mejju 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-15 ta' Novembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-atturi qeghdin jippretendu minghand il-konvenuti il-hlas tas-somma ta' LM526.26, oltre l-imghax dekors fuqha, rappresentanti prezz ta' hwejjeg li l-konvenuta xtrat mill-hanut ta' l-attur. Barra minn hekk l-atturi ukoll qeghdin jippretendu rifuzjoni tas-somma ta' LM1210, oltre l-imghaxijiet dekorsi, rapprsentanti ammont misluf lill-konvenuta Pauline Bray. B'kollox, sad-data tac-citazzjoni, l-ammont reklamat jammonta ghal LM3654.80.

Matul il-kors tal-kawza kien hemm certa lacuni fix-xhieda dwar dati relevanti, u ammonti dovuti. Kien ghalhekk li fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2001, wara li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ghal dakinhar, il-Qorti kienet issospendiet il-prolazzjoni u talbet li l-atturi jipprezentaw nota spejgattiva ta' kif l-attur kien wasal ghall-ammonti, kapital u imghax, indikati fic-citazzjoni. Din in-nota giet presentata fit-2 ta' Marzu 2001 u

f'dik l-okkazzjoni l-konvenuti, wara li hadu konjizzjoni taghha, talbu li l-kawza tibqa' differita ghat-trattazzjoni finali.

Fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2001 id-difensur tal-konvenuti b'referenza ghan-nota presentata mill-atturi osservaw:-

a. li l-imghax jeccedi l-kapital,
b. li skond l-artikolu 1854 tal-Kap 16 fl-assenza ta' ftehim l-imghax jiddekorri bil-5%,
c. li r-responsabbilita' tar-ragel ghad-dejn tal-mara gie deciz f'sentenza ta' l-Onor Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru 2000 fil-kawza "Joseph Grech vs Mary u Martin Debattista".

F'dik l-udjenza il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

Mill-assjem tal-provi prodotti jidher accertat li l-konvenuta fl-1985 kienet isselfet xi flus minghand l-atturi fi tlett ammonti ta' LM500 fid-29 ta' Novembru, LM500 ohra fis-7 ta' Dicembru u LM210 fl-10 ta' Dicembru – b'kollox LM1210. Jidher ukoll li ghal xi zmien il-konvenuta kienet tixtri xi affarijiet tal-hwejjeg minghand l-attur minghajr ma thallas. Dwar l-ammont dovut ghal din il-partita jidher li hemm nuqqas ta' qbil. Jirrizulta ukoll li l-konvenut Robert Bray ma kienx konxju tas-self li sar lil martu biss kien sar jaf bid-dejn li kellha ghax-xiri ta' hwejjeg, ghalhekk il-qorti trid tezamina l-implikazzjoni ta' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Dan premess trid tigi ukoll ezaminata it-talba attrici entro l-aspett tal-hames eccezzjoni tal-konvenuti kif spejegata ahjar fil-verbal tat-28 ta' Marzu 2001 wara n-nota ta' l-attur.

Ikkunsidrat:-

Kif gja inghad aktar il-fuq ma jidhirx li l-ammont ta' LM1210 reklamat bhala rifuzjoni ta' self moghti hu ikkontestat. Infatti l-istess konvenuta ripetutament tghid li hija isselfet l-ammont indikat mill-attur u anke spjegat li dan l-ammont kien maghmul minn erba' avvanzi, kif qal l-istess attur. Inoltre l-konvenut iddikjarat li hija kienet obbligat ruhha li tirrifondi dan l-ammont, flimkien ma' LM500 imghax, fi zmien tlett snin mis-self. Din id-dikjarazzjoni tal-konvenuta hija riflessa (hlief ghal 26 centezimu) fid-dikjarazzjoni minnha ffirmata fit-12 ta' April 1986. Ghalhekk, hlief ghal dak li sejjer jinghad fir-rigward tal-komputazzjoni u rata tal-imghax, l-ammont ta' LM1210 hu accettat.

L-attur qed jitlob ukoll il-hlas tas-somma ta' LM526.26 rappresentanti prezz ta' hwejjeg minnu mibjugha lill-konvenuta. Dwar l-ammont il-konvenuta u anke zewgha jikkontendu li dan huwa ezagerat billi l-mercja mixtrija kienet tkun ta' ftit valur u qatt ma setghet waslet ghal dan l-ammont. Prova kontrarja ghax-xhieda tal-attur izda ma ingiebitx. Il-konvenut pero' qed jikkontendu ukoll li din il-kwistjoni kienet inghalqet u dana meta l-attur kien, bi ftehim maghhom, ha xi effetti mobbili mid-dar taghhom bi tpacija ta' dan id-dejn. L-attur jikkontendi li ghalkemm huwa minnu li huwa kien ha xi effetti mobbili minghand il-konvenuti, ta' parti minnhom kien hallas lill-konvenut. In effetti l-attur ipproduca kopja fotostatika ta' ircevuta ffirmata mill-konvenuta, u minnha mhux kkontestata (dok D fol46), fejn jinghad espressament li

l-konvenuta Polly Bray kienet irceviet minghand Carmen Montebello, is-somma ta' LM300 ghall-ghamara hemm deskritta. Il-konvenuta konfrontata b'dan id-dokument accettat li hija kienet irceviet din is-somma u dana billi iffrimat d-dokument. Il-konvenut jzda kompla jinsisti li huwa ma jafx li martu rceviet xi flus u li bil-konsenja tal-ghamara l-kwistjoni tad-dejn fuq il-hwejjeg kienet maghluqa.

Jidher li s-soluzzjoni ghal din il-kwistjoni tirrizulta in parti min-nota spejgattiva prezentata mill-atturi fit-2 ta' Marzu 2001 (Fol 65). Din in-nota, li bl-ebda mod ma giet ikkontestata mill-konvenuti, turi li mill-ammont ta' LM525.26 (indikat bhala LM526.26 fic-citazzjoni) trid titnaqqas is-somma ta' LM280 rappresentanti valur ta' ghamara li l-atturi hadu minghand il-konvenuta u li ma gewx ikkreditati lill-konvenuti. Ghalhekk jidher li l-atturi xtraw ghamara u hadu ghamara, u ghalhekk kien fadal il-bilanc ta' LM245.26 imsemmi fin-nota. Dan l-ammont, oltre l-imghax dovut fuqu, huwa dak verament dovut u konsewgentement l-ammont indikat fic-citazzjoni rappresentanti prezz ta' hwejjeg mibjugha jrid jigi ridott minn LM526.26 ghal LM245.26.

Il-kapital verament dovut ghalhekk iwassal ghas-somma ta' LM1455.26.

Ikkunsidrat:-

Jidher min-nota tal-attur fuq imsemmija li d-dejn kollu kkuntrattat mill-konvenuta, sew ghal hwejjeg kif ukoll b'titolu ta' self, jirrisali ghas-snin 1984 u 1985 u cioe sittax il-sena ilu.

L-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tal-imghaxijiet ghal dan il-perjodu kollu bir-rata ta' 8% li ghalhekk iwassal ghas-somma ta' LM3201.57 kif

indikat fin-nota taghom, u mhux ghas-somma ta' LM3654.80 kif indikat fic-citazzjoni fejn l-imghax suppost kien komputat sal 5 ta' Awissu 1998.

Hija massima legali li "Id-dekorriment tal-imghax ikun sospiz meta l-interessi jaslu sal ammont tal-kapital" (vide Apap vs Bartolo 23.01.39), dana sakemm ma jkunx hemm ftehim li l-imghax jigi kapitalizzat. Fil-kaz sotto ezami ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim dwar kapitalizzazzjoni tal-imghax u jidher in oltre li l-imghax kif komputat mill-atturi jeccedi l-kapital dovut bis-somma ta' LM291.05. Dan l-eccezz mhux ammissibbli u ghalhekk l-ammont se mai dovut jrid jigi ridott ghal darb ohra ghas-somma ta' LM2910.52 rappresentanti id-doppju tal-kapital fuq imsemmi.

Il-konvenuti izda qedghin jissottomettu, bhala parti mil-hames eccezzjoni taghhom li l-artikolu 1854 tal-Kap 16 jiddisponi li fl-assenza ta' ftehim l-imghax jidekorri bil-5%.

L-artikolu fuq imsemmi jiddisponi li "Jekk min jissellef jobbliga ruhu li jhallas l-imghaxijiet minghajr ma tigi miftiehma ir-rata, l-imghax jinqies bil-hamsa fil-mija fis-sena."

Ma jirrizultax li bejn l-attur u l-konvenuta kien sar ftehim specifiku dwar kemm kellha tkun ir-rata ta' imghax. Izda d-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenuta fit-12 ta' April 1986 turi li hija kienet obbligat ruhha li trodd lura l-ammont misluf, li issa jirrizulta li kien ta' LM1210, kif anke ammess mill-kontendenti, fi zmien tlett snin u li l-ammont li jintradd lura kellu jkun ta' LM1710.26. Fuq firxa ta' tlett snin jidher li l-attur kien qed jippretendi imghax ta' LM166.66,6 fis-sena fuq l-ammont misluf. Dan

l-imghax certament kien in eccess ghall-ammont ta' LM96.80 rappresentanti imghax fis-sena fuq l-istess somma komputat bir-rata ta' 8% fis-sena li huwa l-massimu permess mill-ligi.

Issa l-artikolu 1852(2) tal-Kap 16 jiddisponi li "L-imghax miftiehem f'izjed minn daqshekk (cioe it-8% preskritt bhala massimu fis-sub inciz i tal-istess artikolu) jigi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija." Jista' jinghad ghalhekk li meta l-partijiet, cioe l-attur u l-konvenuta, ftehmu dwar ir-radd lura tas-somma mislufa, l-imghax pagabbli kellu jigi komputat bir-rata ta' 8%. F'dan is-sens l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti mhux ammissibbli u r-rata ta' 8% ghanda tipprevali.

Illi fir-rigward tal-ammont dovut bhala bilanc ta' prezz ta' hwejjeg dan jirraprezenta debitu kummercjali u jattira ukoll imghax ta' 8%.

Ghalhekk l-ammont dovut lill-atturi huwa ta' elfejn disgha mija u ghaxar liri u tnejn u hamsin centezimu (LM2,910.52).

Ikkunsidrat:-

Issa nigu ghal kwistjoni sollevata mill-konvenut Robert Bray. Dan qed isostni li t-talbiet attrici huma infondati fil-konfront tieghu billi huwa qatt ma kellu relazzjoni guridka ma' l-atturi u fir-rigward tas-self 'brevi manu' hu qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex martu tissellef dawn il-flus.

Rigward l-ammont dovut in konnessjoni ma spejjes inkorsi ghax-xiri ta' hwejjeg dan huwa dejn fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti billi dawn l-ispejjes saru ghal htigijiet tal-familja, anke jekk mill-konvenuta separatament, skond ma jipprovdi l-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 1327

tal-Kap 16. Isegwi li l-konvenut Robert Bray, flimkien ma mart, ghandu jirrispondi ghas-somma ta’ LM490.52.

Dwar l-ammont reklamat mill-atturi in rifuzjoni ta’ self moghti lill-konvenuta Pauline Bray, l-konvenut qed joggezzjoni ghal xi responsabbilita’ da parti tieghu billi dan sar minghajr il-kunsens tieghu. Huwa minnu li l-paragrafu (f) tas-subinciz (3) ta’ l-artikolu 1322 jelenka bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarja, li jirrekjadi l-intervent taz-zewg konjugi, “li tissellef jew tislef flus”. Din ir-regola tissubixxi temperament meta tali self jkun mehtieg ghal bzonnijiet tal-familja, kif preskritt fil-paragrafu (c) ta’ l-artikolu 1327. Izda fil-kaz in ezami ma jirrizultax li s-self de quo kien ikkontrattat ghal bzonnijiet tal-familja, anzi ex admissis jidher li dan sar sabiex l-istess konvenuta tkun tista’ thallas parti mis-self li hija kienet ikkuntrattat maz-ziju taghha f’okkazzjoni precedenti. Lanqas ma jirrizulta li l-konvenut irratifka l-obbligazzjoni assunta minn martu, kif preskritt fl-artikolu 1229 tal-Kap 16. Anzi ghal kuntrarju jidher li hu qed jikkontesta u minn dejjem ikkontesta din l-obbligazzjoni u minn dejjem zamm ruhu distanzjat minn negozjati li kienu saru bejn l-attur u martu. Minn dan jidher li l-konvenut obert Bray ma jistax jigi mizmum responsabbli ghad-dejn kuntrattat minn martu konsistenti f’self.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-atturi huma kredituri fis-somma komplessiva ammontanti ghall-elfejn disa’ mija u ghaxar liri tnejn u hamsin centezimu (LM2910.52); kwantu ghal erba’ mija u disghin lira maltin tnejn u hamsin centezimu (LM490.52) rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ hwejjeg mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta, inkluzi l-imghax komputat sal lum; u ghal dan l-ammont tiddikjara liz-zewg konvenuti responsabbli

solidalment bejniethom fil-konfront ta' l-atturi; u fis-somma ta' elfejn erba' mija u ghoxrin lira maltin (LM2,420) rappresentanti import ta' self 'brevi manu' somministrat lill-konvenuta, inkluzi l-imghax komputati sal lum, fir-rigward ta' liema, fil-waqt li tillibera lill-konvenut Robert Bray minn kull responsabbilita', tikkundanna lill-konvenuta Pauline Bray thallas lill-attur l-ammont hekk dikjarat dovut.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz mill-atturi u zewg terzi mill-konventi.

Onor Imhallef Albert J. Magri